**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Novembru, 2024

Rikors Nru : 131/18 AL

**A B**
**Vs**
**C B**
**(M.R. 520/2010)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi ta-24 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kif juri c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Minn dan iz-zwieg twieledet il-minuri D B li llum ghandha sitt snin u li twieldet fit-tielet (3) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) kif juri c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dana minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, u ingurji u offizi gravi ohra da parti tal-intimat u l-familja tieghu fil-konfront tar-rikorrenti kif

ukoll li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli hekk kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Waqt il-hajja mizzewwga r-rikorrenti dejjem ippruvat tghin lill-intimat minhabba l-kundizzjoni mentali li huwa jbati minnha, ossia l-Bipolar Disorder flimkien mad-depression billi anka kienet tghinu u tissaportjah billi tmur mieghu ghand il-psikjatra kuranti tieghu, Dr Joe Cassar. Izda l-kura mhux dejjem kienet qeghda tahdem u fil-fatt kien jixtri u jbiegh oggetti matrimonjali minghajr l-ebda kontroll. Iz-zwieg kien afflitt mill-impulsivita' tieghu li kienet frott tal-kundizzjoni mentali li hu afflitt minnha. Fil-fatt huwa kien qishu jghix hajja ta' single fejn jidhol l-finanzi u fil-fatt kien jaqbad u jixtri u jbiegh minghajr ma jikkonsulta lir-rikorrenti. Di piu' tant din il-kundizzjoni hija severa li huwa pprova jghamel suwicidju darbtejn gewwa d-dar matrimonjali – darba minnhom ftit minuti ezatti kif telaq lil minuri D minn idejh. Sahansitra, darb'ohra kienet r-rikorrenti stess li salvat lill-intimat milli jtemm hajjtu. Il-familja tieghu ukoll ikkontribwixxit ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba l-fatt illi l-intimat qatt ma' pprova jibni familja distakkata mill-familja tat-tfulija tieghu. Fil-fatt huwa ried jixtri d-dar matrimonjali hdejn id-dar tal-genituri u d-dar ta' huh, Dr E B, sabiex ikun jibqa' joqghod prattikament mal-genituri tieghu u ma' huh. Fil-fatt kemm il-darba kien ittenila illi huwa ma kienx jaf kif jista' jghix hajjtu l-boghod mill-genituri tieghu u minn huh, Dr E B. Apparti l-kundizzjoni mentali li kkontribwixxit ghat-tifrik taz-zwieg u l-fatt illi qatt ma qata' l-kurdun umbelikali minn ma' familtu, l-intimat wettaq atti ta' vjolenza fizika, verbali, emozzjonali u psikologika fuq ir-rikorrenti kif se jigi ppruvat waqt il-mertu tal-kawza. Prova ta' dan fost hafna affarijiet ohra, huwa l-fatt illi kien jirrabja bl-ikrah u kien ukoll ikisser oggetti gewwa l-garaxx jew barra mid-dar kif ukoll juza sahha fizika fuq l-istess rikorrenti. Dan kollu apparti t-tghajjir, insulti u atti verbali, emozzjonali u psikologiku fuq il-persuna tar-rikorrenti.

3. L-intimat kien jkollu epsiodji ta' uforija u ta' dwejjaq kbar li kienu joxxillaw il-hin kollu b'rizultat li kienu jikkawzaw instabilita' kbira fil-hajja matrimonjali u fil-hajja ta' bintu, D. Din l-instabilita' wasslet ghal anzjeta' kbira f'hajjet ir-rikorrenti u anka fit-tifla. Fil-fatt l-access illi gie akkordat lill-intimat mill-Qorti huwa wiehed ta' supervizjoni minn familtu u cioe' huwa ma jistax jara lil bintu wahdu. Izda l-familja tieghu specjalment tal-genituri tieghu u ta' huh, Dr E B, m'ghinux is-sitwazzjoni. Huma kienu jindhalu kontinwament u fil-hajja matrimonjali tal-partijiet b'konsegwenza li ssoffokaw lir-rikorrenti billi

eskluduwha miz-zwieg u ppruvaw imexxu hajjet l-intimat huma stess qishu tifel zghir inkompetenti. Fil-fatt dan l-indhil kollu rrizulta fil-fatt illi l-konvenut baqa' tifel zghir. Fi kliem iehor, l-intimat qatt ma kiber u sar ragel izda baqa' immatur u jisma' u jobdi lil familtu u minn huh, Dr E B b'rizultat illi ma kienx ihares lejn ir-rikorrenti bhala martu u omm bintu. Dan affettwa ukoll l-andament tas-separazzjoni u li wassal sabiex il-medjazzjoni ma sehhitx u konsegwentament gew intavolati dawn il-proceduri.

4. Illi kif inghad iktar il-fuq huwa ghamel zewg attentati ta' suwicidju. Wara li rkupra mill-ahhar attentat ta' suwicidju li dan sar ftit qabel ma huwa fetah il-proceduri ta' separazzjoni bonarja, r-rikorrenti ghamlet hafna zmien tghinu anka waqt li kien rikorverat gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Wara li hadet hsiebu, rringrazzja lir-rikorrenti billi kecca lill-istess rikorrenti u lil binthom barra d-dar matrimonjali. Dan ghamlu billi biddel is-sellatura, b'konsegwenza illi ghamlet xhur shah b'ta' fuqha senduqa u kienet biss fuq ordni tal-Qorti li hija hadet l-affarijiet personali taghha lura (ghalkemm mhux kollox) u cioe' hwejjeg u indumenti kif ukoll certifikati kif ukoll hwejjeg u gugarelli ta' binthom.

5. Illi l-intimat qatt ma vversa manteniment versu binthom u kienet ukoll bis-sahha tal-Qorti fejn huwa gie ordnat jghaddi manteniment ta' EUR 200 kull xhar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha li ghalhekk huwa beda jghaddi tali manteniment. L-intimat qieghed jghamel minn kollox biex jghamel is-separazzjoni difficli u fil-fatt l-animu lejn ir-rikorrenti huwa wiehed verament ostili, b'diversi rapporti kriminali, u b'rikors wiehed wara l-iehor u instransigement assolut minn naha ta' l-intimat biex jersaq ghal separazzjoni bonarja.

6. Illi di piu' wara li giet imkeccija minn gewwa d-dar matrimonjali hija kellha tmur tghix lura mal-genituri taghha u dan a detriment kemm taghha u kemm ta' binthom minuri li hajjithom kemm emozzjonali kif ukoll materjali inqalbet ta' taht fuq.

7. Illi minkejja l-isforzi tar-rikorrenti tenut kont ic-cirkostanzi l-ebda ftehim amikevoli ma seta' jsehh u dana minhabba l-intransigenzi da parti ta' l-intimat li l-animu tieghu kien li jdahhal lir-rikorrenti f'kawza kontensjuza sabiex b'hekk ikun jista' jkompli jahqara u jghamlilha hajjitha mizerja.

8. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw din il-kawza ta’ separazzjoni permezz ta‘ digriet moghti f' dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-14 ta’ Mejju 2018 (Dok C).

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed jigi umilment mitlub mill-attrici sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputtabbli unikament lill-intimat ai termini ta‘ l-Artikoli 37 u 40 tal-Kodici Civili u dan anka okkorendo wara li l-intimat jigi ezaminat minn psikjatra mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti;

2. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri, D B tkun fdata esklussivament f’idejn ir-rikorrenti;

3. Tiddikjara illi l-minuri D B tirrisjedi primarjament mar-rikorrenti filwaqt li l-intimat ikollu access lejn bintu liema access ghandhu jsir fl-ahjar interess tal-minuri u l-ezigenzi taghha u dan anke b’mod supervizjonat tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz;

4. Tordna u tiffissa ammont bhala manteniment mensili jew kull erba‘ gimghat ghal attrici liema manteniment ghandhu jithallas mill-intimat permezz ta‘ standing order jew inkella direttament mill-paga tieghu jew inkella somma lump sum u dan kif provdut fl-Artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Tordna u tiffissa ammont bhala manteniment mensili jew kull erba‘ gimghat ghal minuri, D B liema manteniment ghandhu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti permezz ta‘ standing order jew inkella direttament mill-paga tieghu. Il-manteniment ghandhu jigi kkalkolat skont l-ezigenzi tal-minuri u skont il-lifestyle tal-minuri, liema lifestyle m’ghandhix tkun mnaqqsa minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghha.

6. Tordna illi tali manteniment ghandu jgholha perjodikament biz-zieda li ghandha taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja kif provdut fl-Artikolu 54(4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

7. Tordna u tiffissa illi l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari tal-minrui D B ghandhom jithallsu f'ishma ugwali bejn il-partijiet;

8. Tapplika kontra l-imsemmi intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte ;

9. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu likwidati u maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-intimat, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi jigi ddikjarat kwalunwke data ohra li joghgobha tistabbilixxi dina l-Qorti bhala d-data meta l-intimat jigi kkonsidrat li hu hati tal-firda b'tali mod li jkun tilef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi mentri hija jkollha jedd ghal kull akkwist li huwa ghamel, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess kommunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att ;

10. Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti huwa jhallas u/jew jikkonsenja lill-attrici l-oggetti parafernali taghha inkluzi flus u krediti ohra inkluz dawk skont l-iskrittura privata datata 19 ta' Novembru 2008 kif ukoll l-oggetti dotali taghha. Fin-nuqqas tikkundannah ihallasha l-valur taghhom;

11. Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti huwa jhallas u/jew jikkonsenja lill-attrici d-donazzjonijiet kollha inkluzi dawk fi flus illi l-genituri taghha tawha matul il-hajja matrimonjali. Fin-nuqqas tikkundannah ihallasha l-valur taghhom ;

12. Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti huwa jhallas lill-attrici l-valur ta' ameljoramenti li saru gewwa d-dar matrimonjali 'X, X Apartments', Triq X, Naxxar mir-rikorrenti u/jew familta u dan anka okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex issir tali valutazzjoni;

13. Tordna li r-rikorrenti flimkien ma' bintha D B tirrisjedi vita durante jew ghal kwalunkwe perijodu li dina l-Onorabbli Qorti joghogbha tiffissa gewwa d-dar matrimonjali, 'X', X, Triq X, Naxxar u

dan ad eskluzjoni ta' l-intimat u dan skont l-Artikolu 55A (1)(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

14. Tordna u tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia, 'G'.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-medjazzjoni 1524/17 u 108/18 u tal-mandat ta' inibizzjoni 1530/17 u l-mandat ta' sekwestru 97/18 kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda tal-attrici;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut li permezz taghha eċċepixxa:

1. Illi qabel xejn, l-esponenti jichad bis-sahha kollha kwalsiasi allegazzjoni illi huwa uza xi forma ta' vjolenza fizika jew morali fuq l-attrici. Ad oltranza kien huwa stess illi soffra abbuz emozzjonali u fiziku taht idejn A B. Tant hija gidba din l-allegazzjoni, illi fl-atti tal-proceduri gja abbastanza voluminuzi ta' bejn il-kontendenti illi saru fuq medda ta' sena, fejn A B hadet l-opportunita` li thammeg kemm tista` lill-esponenti, din l-allegazzjoni ma semmiet qatt qabel ir-rikors guramentat.

2. Illi l-esponenti jaqbel mal-ewwel talba attrici fis-sens illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici illi kommettiet eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, ingurji u offizi gravi fil-konfront tal-esponenti li wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli.

3. Illi t-tieni talba hija opposta stante illi, anke kif gja gie deciz pendent lite minn dina l-Onorabbli Qorti, il-partijiet ghandhom ikollhom il-kura u kustodja kongunta tal-minuri.

4. Illi l-esponenti jaqbel mat-tielet talba, salv illi s-supervizzjoni o meno tal-access ghandha tigi determinata wara r-relazzjoni tal-psikjatra gja mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proceduri.

5. Illi r-raba talba hija opposta u dan stante illi l-attrici hija kapaci illi tmantni lilha nnifisha u di fatti ghandha full-time job. Dan apparti l-fatt illi hija ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment ghaliha stante illi kommettiet eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, ingurji u offizi gravi fil-konfront tal-esponenti.

6. Illi rigward il-hames talba attrici, l-esponenti jaqbel illi huwa ghandu jibqa jhallas il-manteniment mensili gja iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, ossia s-somma ta' mitejn Euro (€200), izda ma hemm l-ebda gustifikazzjoni illi tali manteniment jinqata direttament mill-paga jew permezz ta' standing order. Din it-talba qed tigi impostata b'dan il-mod sabiex l-attrici tkompli tumilja lil-esponenti mal-principal u l-kollegi tax-xoghol tieghu.

7. Illi l-esponenti jaqbel mas-sitt talba attrici.

8. Illi l-esponenti jaqbel mas-seba` talba attrici, salv illi spejjez extra-kurrikulari ghandhom isiru bi qbil bejn il-partijiet u mhux arbitrarjament mill-attrici.

9. Illi t-tmin talba hija infondata u ghandha tigi michuda. Fic-cirkostanzi, din it-talba hija insult kbir ghall-esponenti bhala vittma tal-attrici stante li kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza, hija l-attrici innifisha illi kommettiet eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, ingurji u offizi gravi fil-konfront tal-esponenti. Din it-talba hija l-ennesimu tentattiv da parti tal-istess attrici sabiex, filwaqt illi thammeg lill-esponenti bil-gideb, tipprova takkwista vantagg finanzjarju fuq l-esponenti.

10. Illi id-disa` talba tal-attrici hija opposta in kwantu, fl-ewwel lok, il-kommunjoni tal-akkwisti diga giet xolta minn dina l-Onorabbli Qorti, u fit-tieni lok, l-esponenti ma huwiex hati tal-firda ta' bejn il-partijiet. Ad oltranza, hija l-attrici illi kif gie spjegat 'l fuq, ghandha tinstab hatja ta' tali firda, b'dan illi galadarba l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija fl-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti ta' l-attrici, l-istess provvedimenti ghandhom jigu komminati interament kontra l-attrici kif fuq premess.

11. Illi l-ghaxar talba ma hijiex opposta limitament in kwantu l-attrici qed titlob oggetti parafernali taghha. Madankollu l-attrici ma ghandha l-ebda flus parafernali u/jew krediti fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

12. Illi l-intimata ma rceviet l-ebda donazzjoni mill-genituri taghha matul iz-zwieg mal-esponenti. Kwalunkwe allegazzjoni f’dan ir-rigward hija fabrikazzjoni sabiex l-attrici tipprova taghmel gwadann fuq l-esponenti.

13. Illi rigward it-tnax-il talba, l-esponenti jirrileva illi ma saru l-ebda ameljoramenti fid-dar matrimonjali la mill-attrici u lanqas minn familtha.

14. Illi it-tlettax-il talba, liema talba gja saret mill-attrici pendente lite u ma gietx milquha minn dina l-Onorabbli Qorti, hija opposta, u dan ghal numru ta’ ragunijiet, partikolarment stante li kif inghad, l-attrici hija responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet. A differenza tal-attrici, l-esponenti ma kkommetta ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk huwa ghandu jithalla jkompli tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici. Dan apparti l-fatt li l-esponenti jirrisjedi fid-dar matrimonjali, liema dar hija proprjeta` parafernali tieghu u huwa m’ghandux post iehor fejn jghix, partikolarment in kwantu huwa jhallas il-loan u l-ispejjez kollha tad-dar u allura m’ghandux il-mezzi biex ihallas spejjez ulterjuri in konnessjoni ma’ akkomodazzjoni ohra. Minn naha taghha, minkejja li l-attrici qed tinsisti illi giet imkeccija mid-dar matrimonjali, kif ser jigi spjegat u ppruvat, dan huwa lil hinn mill-verita`. L-attrici abbandunat id-dar intenzjonalment u volontarjament, u stabbilixxiet residenza ohra immedjatament malli l-partijiet isseparaw, u dan wara li ghamlitha cara lill-esponenti illi l-unika interess li kellha kienu l-flus u li qabel ma kien ha jhallasha dak li kienet qed tippretendi, huwa ma kienx ser jara lil bintu. Di fatti kien wara li l-partijiet ma qablux rigward il-flus illi l-attrici harbet mid-dar u bdiet tinsinwa li l-esponenti huwa mignun.

15. Illi l-esponenti jaqbel mal-erbatax-il talba.

16. Illi pertinenti jinghad illi l-esponenti jhossu ferm iddispjacut bil-kwantita` kbira ta’ gideb kontenuti fir-rikors promotur tal-attrici, liema gideb, sfortunatament jinsabu wkoll imxerrdin fil-maggior parti tal-atti gudizzjarji pprezentati s’issa mill-attrici, anka jekk hafna minn dawn l-atti gew mahlufa minnha bil-gurament. Fl-imsemmijin atti gudizzjarji u anka waqt ix-xhieda taghha quddiem diversi Qrati, A B hadet l-opportunita` li thammeg kemm tista` lill-esponenti ghall-iskopijiet taghha, fosthom illi d-dipressjoni li kellu l-esponenti tirrendieh mignun u vjolenti, u sahansitra waslet sabiex allegat illi l-esponenti espona ruhu quddiem il-minuri.

17. Illi f'dak li jirrigwarda l-ispejjez, gja la darba l-eccipjenti ma jahtix ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess attrici kif diga' inghad, l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-istess attrici.

18. Illi l-intimat qed jipprevalixxi ruhhu minn dan ir-rikors guramentat sabiex iressaq il-kontro-talba tieghu kontra tal-attrici, f'liema att huwa jispjega f'aktar dettall il-verzjoni tieghu tal-fatti relattivi.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ippremetta:

1. Illi l-kontendenti sseparaw b'mod de facto f'Settembru tas-sena 2017 wara li z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid ingurji u offizi gravi li kienu kommessi mir-rikonvenzjonata fuq l-esponenti

2. Illi iz-zwieg xejn felici ta' bejn il-partijiet kien ikkaretterizzat minn abbuz emozzjonali serju fil-konfront tal-esponenti da parti tar-rikonvenzjonata, liema abbuz f'xi cirkostanzi kien anke jkun fiziku.

3. Illi parti kbira minn dan l-abbuz kien jiccentra fuq il-flus. A B hija persuna li hija ossessjonata bil-flus b'tali mod illi l-ossessjoni taghha kissret lill-esponenti u iz-zwieg ta' bejniethom, partikolarment minhabba l-fatt li A B kienet tiehu kontroll assolut tal-flus kollha tal-partijiet, u sahansitra tal-paga tal-esponenti, u ma thallix lill-istess il-liberta` li jamministra u/jew jonfoq flusu stess.

4. Illi din l-ossesjoni ta' A B ma kienitx limitata ghall-kontroll tal-assi tal-kommunjoni, izda kienet wkoll ssarraf f'ossessjoni illi kull sold illi l-partijiet jaqalghu, salv ghan-necessitajiet *bare minimum*, irid jitfaddal. Dan wassal lill-esponenti u lil binthom illi jghixu hajja ta'

mizerja, minghajr tgawdija ta’ xejn, tant illi l-unika okkazzjoni meta l-partijiet kienu johorgu jieklu jew isiefru, kien proprju ghaliex ihallsu l-genituri tal-esponenti.

5. Illi mhux il-kaz li l-esponenti huwa persuna immatura. A B kienet fil-fatt titrattah ta’ tifel, u mhux zewgha, stante li kienet tohodlu l-paga u tumiljah billi ttih il-*pocket money* biex jghix. Mhux hekk biss, izda kienet tghajjat mieghu, anke fil-pubbliku, u f’xi okkazjonijiet anke terfa’ idejha fuqu, meta jew jispiccalu l-imsemmi *pocket money*, meta jonfoq xi haga li ma hijiex ikel, jew anke meta ma jgibx id-dar ircevuta ghal dak li jkun xtara, anka jekk l-infiq ikun ta’ ftit centezmi.

6. Illi din l-ossessjoni ta’ A B fuq il-flus, tirrizulta wkoll mill-ammont redikolu ta’ ircevuti mizmuma minn A B, il-maggior parti ta’ liema huma ghall-oggetti ta’ valur trivjali, u li hija pprezentat fl-atti tal-proceduri ta’ bejn il-partijiet.

7. Illi meta hafna drabi l-esponenti kien jispicca minghajr flus, stante li kif inghad, kull kont bankarju kien ikkontrollat minn A B, huwa kien ikollu jbiegh l-oggetti personali tieghu sabiex igib xi haga tal-flus biex jghix, jew addirittura jitlob l-ghajnuna lil tal-familja.

8. Illi l-mod ta’ kif A B kienet titratta lill-esponenti johrog bic-car ukoll mir-referenzi negattivi u dispreggjattivi illi hija tuza ghall-esponenti fir-rikors guramentat, fejn inkredibilment tirreferi ghalih bhala “tifel zghir” li “qatt ma kiber u sar ragel izda baqa immatur u jisma u jobdi lil familtu u minn huh Dr E B”. Dan apparti l-fatt, li kif ser jigi ippruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, dak citat ma huwiex minnhu.

9. Illi minbarra l-imsemmi agir ta’ A B, kien hemm inezistenza ta’ intimita` konjugali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabli lil A B, liema intimita` ghebet mir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet snin ilu, senjatament wara li l-partijiet kellhom lit-tifla taghhom D.

10. Illi il-fatt li A B hija persuna estremament negattiva xejn ma bbenefika lir-relazzjoni, partikolarment meta, wara li twieldet il-minuri D, hija bdiet issofri minn *post-natal depression* u minkejja li l-esponenti insista illi tkellem professjonista, hija dejjem irrifjutat.

11. Illi minkejja li l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex jitrangaw id-diffikultajiet sucitati fiz-zwieg taghhom, kien kollu ghal xejn. Kien fid-dawl ta' dan kollu illi l-esponenti hassu soffokat u mdejjaq fiz-zwieg.

12. Illi sussegwentement, xi ftit snin ilu, meta l-esponenti iddecieda li ma kellux alternattiva ghajr illi jipprova jitlaq lil A B, l-istess A B irreagixxiet billi harbet mid-dar bit-tifla u rrikattat lill-esponenti li ma kienx ser jara lit-tifla jekk kien bi hsiebu jinsisti li jitlob separazzjoni personali. B'konsegwenza ta' dan, l-esponenti kien iddecieda li jerga lura ma martu ghaliex irrealizza li jekk kien ser jipprocedi bis-separazzjoni, kien ser ipattiha bil-qares.

13. Illi kien proprju wara li ghadda minn dan kollu u sab ruhu f'dawn ic-cirkostanzi illi l-esponenti inevitabilment waqa fi stat ta' dwejjaq u dipressjoni. Is-sitwazzjoni tal-esponenti ma kienet xejn felici, partikolarment meta b'konsegwenza tal-hsara psikologika inflitta fuqu minn A B, l-istess esponenti sar jemmen illi huwa kellu xi haga hazina u li huwa kien bniedem marid. Dan kollu kien rinforzat minn A B illi kienet tiehdu ghand it-tobba u minghajr ma l-istess professjonisti jinghataw il-fatti reali li verament kienu qed jikkawzaw id-dwejjaq li kien ihoss l-esponenti, kienu jippreskrivu numru ta' medicini u jaghtu djanjozi ta' depression minghajr qatt ma saru jafu x'kien qed jikkawza din id-depression.

14. Illi tali medicini qatt ma solvew id-dwejjaq li kellu l-esponenti, tant illi pprova jnehhi hajtu b'idejh f'zewg okkazjonijiet. Il-problemi ta' sahha mentali li kellu l-esponenti kienu naxxenti u konsegwenza tal-problemi illi huwa kellu ma' A B, partikolament minhabba l-karattru difficli taghha.

15. Illi eventwalment, il-fejqan tal-esponenti sehh bl-allontanament minn A B. Dan jirrizulta konsistement mir-rapporti psikjatrici tal-esponenti li gew ipprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri u kif ser jirrizulta ampjament mill-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri, irrispettivament minn dak li qed jinghad b'mod malinn minn A B.

16. Illi l-esponenti huwa dispjacut illi dan l-episodju ikrah f'hajtu qed jintuza minn A B biex tnaqqas id-drittijiet tal-esponenti ghall-minuri u tkisser ir-relazzjoni ta' bejn l-istess. Jidher b'mod car, anke mil-kontenut tal-atti ppresentati minn A B f'din il-procedura u t-ton isteriku tal-istess, illi din hija ossessjonata illi l-esponenti huwa mignun.

17. Illi b'vilta` liema bhala, minflok ma terfa r-responsabbilta` ghat-tifrik taz-zwieg fuqha n-nifisha, A B ivvintat stampa qarrieqa fejn qed tghid li l-esponenti kien vjolenti fil-konfront taghha u li huwa mignun ikkontrollat minn familtu. Dak li qed jigi allegat minn A B fir-rikors guramentat taghha, senjatament illi l-esponenti uza xi forma ta' vjolenza fizika jew morali fuqha, huwa insult lejh bhala vittma illi sofra snin twal minn abbuz emozzjonali u fiziku taht idejn l-istess A B.

18. Illi kif anke jirrizulta mir-rikors guramentat, A B ghandha ossessjoni illi tahseb hazin f'kulhadd, b'konsegwenza ta' liema, matul iz-zwieg, hija dejjem ippruvat tallontana lill-esponenti minn hutu u minn hbiebu, liema persuni hija kienet tikkunsidra bhala influwenza hazina fuq l-esponenti.

19. Illi tant tahseb hazin f'kulhadd, illi sahansitra meta l-esponenti inghata d-dritt tal-access ghall-minuri, l-istess A B allegat illi tali dritt inghata lill-esponenti wara li hu l-esponenti Dr E B xtara lill-avukat tat-tfal li giet mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrelata ai fini tal-access.

20. Illi minkejja li A B qed tipprova tpingi lilha nnifisha bhala vittma li skont hi, giet imkeccija mid-dar b' ta' fuqha senduqha, dan huwa kollu gideb u l-fatti juru mod iehor, tant illi l-provi relattivi ma jhallu l-ebda lok ghal interpretazzjoni ulterjuri.

21. Illi ftit wara li l-esponenti informa lil A B illi huwa kien ser jipprocedi bis-separazzjoni, A B gabet lill-familja taghha joqghodu fid-dar matrimonjali, bl-uniku skop illi l-esponenti jitlaq il-barra mill-istess dar. Tant huwa hekk illi omm A B addirittura bdiet torqod fis-sodda tal-esponenti.

22. Illi ftit tal-granet wara, meta l-esponenti baqa jinsisti illi din id-darba kien ser jipprocedi bis-separazzjoni, A B harbet mid-dar u hadet lill-minuri maghha. Meta l-istess A B telqet mid-dar, hija sahansitra gabet il-pulizija d-dar illi assistewwa sakemm garret kull ma xtaqet mid-dar. Fl-istess hin, l-istess A B gibdet kwantita` kbira ta' flus f'cash u nehhiet l-access tal-esponenti ghall-kumplament tal-flejjes fil-kontijiet bankarji tal-partijiet. Altru milli baqghet b'ta fuqha senduqha!

23. Illi huwa fil-fatt l-esponenti li thalla minghajr sold. Mhux talli hekk, izda sussegwentement, minkejja li hadet il-flejjes kollha tal-komunjoni, A B talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponenti ghal pretensjoni ekwivalenti ghall-assi illi hija kellha fil-pussess taghha!

24. Illi minkejja diversi tentattivi sabiex jara lil bintu, anke tramite diversi rapport li saru lill-pulizija, l-esponenti gie mcahhad mill-istess, minkejja diversi insistenzi da parti tal-esponenti, it-twegiba ta' A B kienet wahda: illi huwa kien ser jara lit-tifla meta hija kienet ser tircievi minghandu is-somma tal-flus li hija kien jidrilha li kella tiehu minghand l-esponenti.

25. Illi filwaqt li A B, qatt ma kellha problema tafda lill-minuri mal-esponenti, ezattament ghaliex taf ben tajjeb li l-minuri qatt ma

kienet f’ebda periklu mal-esponenti, konvenjentement, kien biss meta l-partijiet isseparaw u l-imsemmija A B harbet mid-dar u ntalbet id-dritt tal-access mill-esponenti illi hija bdiet tpingi lill-esponenti bhala mignun u tiffabrika s-sensiela tal-gideb f’tentattiv illi tiggustifika l-agir taghha u sabiex iccahhad lill esponenti milli jezercita d-drittijiet tieghu ta’ genitur skont il-ligi.

26. Illi tant huwa hekk illi b’rizultat tal-agir abbuziv u illegali ta’ A B, sakemm inghata d-dritt tal-access min dina l-Qorti, l-esponenti dam tlett xhur shah ma jara lil bintu, ghajr ghal xi ftit minuti f’xi okkazjoni rari l’hawn u l’hemm.

27. Illi f’dawn it-tlett xhur, A B sahansitra qatghet il-linja tal-mobile sabiex l-esponenti ma jkunx jista jikkuntatjha, tant illi kienet din il-Qorti stess illi ordnat lil A B thalli lill-esponenti jkellem lil bintu bit-telefon. Dan certament ma huwiex agir ta’ xi hadd li sefa imkecci mid-dar.

28. Illi sfortunatament, dawn l-allegazzjonijiet difamatorji li xerrdet A B hallew impatt kbir fuq l-esponenti u l-minuri, partikolarment fir-rigward tal-access, fejn l-esponenti ghandu access *supervised* ta’ ftit sieghat fil-gimgha. In oltre`, minkejja diversi ordnijiet tal-Qorti f’dan ir-rigward, A B eskludiet lill-esponenti minn hajjet il-minuri u mid-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-istess.

29. Illi sabiex tasal u tiehu dak li jidrilha, A B ghamlet diversi allegazzjonijiet foloz fuq l-esponenti fl-atti gudizzjajri minnhaipprezentati, u fl-istess hin innotifikat l-istess, flimkien mal-file mediku illi hija serqet minghand l-esponenti, fl-ufficju tal-esponenti, b’dan illi tali allegazzjonijiet foloz u difamatorji ghamlu hafna hsara lir-reputazzjoni tal-esponenti u fl-istess hin umiljawh mal-kollegi u l-principali tieghu. F’dan ir-rigward, l-esponenti ghandu kull intenzjoni illi jiehu passi fir-rigward tal-gideb u l-allegazzjonijiet foloz numeruzi illi qed taghmel A B,

30. Illi minbarra l-gideb u l-allegazzjonijiet foloz, A B ghamlet diversi manuvri ohra sabiex tara kif ser titfa lill-esponenti f'dell ikrah, fosthom l-allegazzjoni illi l-esponenti irrifjuta li jikkunsenjalha l-effetti personali taghha. F'dan ir-rigward, il-verita` hija li meta l-esponenti mar jikkunsenja dawn l-affarijiet lil A B, hija ghamlet rapport l-ghassa precizament ghaliex l-esponenti mar jikkunsenjalha dak li talbitu hija stess. Sussegwentement ghamlet rikors fejn tablet lill-Qorti tordna lill-esponenti jikkunsenjalha l-istess oggetti in kwistjoni.

31. Illi l-kontendenti ma rnexxielhomx jikkonkludu separazzjoni bonarja bejniethom tort unikament ta' A B. L-intransigenza ta' A B u l-karattru difficli taghha huma riflessi mhux biss mid-dicitura u certu talbiet redikoli tar-rikors guramentat taghha, izda wkoll mill-kwantita` kbira ta' rikorsi illi l-esponenti kien kostrett jaghmel qabel inbdiet dina l-kawza, hafna drabi anke ghall-affarijiet minimi u/jew basici. Minn fuq, l-istess A B, donnha thossha offiza illi l-esponenti dejjem irrikorra ghall-ghajnuna tal-pulizija u l-Qrati fejn gew lezi d-drittijiet tieghu.

32. Illi kif gja intalab mill-esponenti permezz ta' rikors pendente lite, fid-dawl tal-imgieba tar-rikonvenzjonata versu l-esponenti u l-minuri, jehtieg illi r-rikonvenzjonata tigi ezamita minn espert psikjatra sabiex jigi determinat jekk hija tbatix minn xi *personality disorder* jew kundizzjoni ohra illi ghandha titqies minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

33. Illi rigward l-assi tal-komunjoni, din ghandha tigi likwidata, maqsuma u assenjata bejn il-partijiet skont il-ligi, wara li jittiehed kont ta' dawk il-flejjes illi A B approprjat ghaliha innifisha ad eskluzjoni tal-esponenti wara li l-partijiet isseparaw b'mod de facto, il-krediti ghall-flejjes parafernali illi ghandu l-esponenti fuq il-kommunjoni tal-akkwisti u wara li jigu applikati l-effetti tal-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili kontra A B.

34. Illi l-esponenti jrid ukoll li l-beni parafernali u dotali tiegħu fil-pussess ta’ A B jiġu lilu restitwiti.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikonvenzjonant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti neċessarji u opportuni:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli unikament lir-rikonvenzjonata ai termini tal-Artikoli 37 u 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana anka okkorrendo wara li r-rikonvenzjonata tigi ezaminata mill-psikjatra mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-minuri D B tibqa kongunta bejn il-partijiet, u dan okkorrendo wara li r-rikonvenzjonata tigi ezaminata mill-psikjatra mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddeciedi u tordna ma’ liema mill-partijiet ghandha tirresjedi il-minuri u dan okkorrendo wara li r-rikonvenzjonata tigi ezaminata mill-psikjatra mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Tordna illi l-esponenti C B ikollu access xieraq ghall-minuri, liema access ghandu jinkludi sleepovers matul il-weekend.

5. Tapplika kontra r-rikonvenzjonata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta in toto jew in parte

6. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti skont il-liġi, u taqsamha f’żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati, waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimata, liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti wara li tittieħed id-debita konsiderazzjoni tal-krediti li għandu r-rikorrenti fuq il-komunjoni, partikolarment id-donazzjonijiet parafernali tieghu, il-flejjes illi gew zbankati u/jew mizmuma mir-rikonvenzjonata ad esklużjoni tal-esponenti wara s-separazzjoni de facto ta bejn il-partijiet, u tal-effetti tal-artikolu 48(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia billi jigi dikjarat kwalunkwe data li joghgobha tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta r-rikonvenzjonata tigi kkunsidrata li hija hatja tal-firda b’tali mod li tkun tifet kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti mentri l-esponenti jkollu jedd ghal

kull akkwist li ghamlet ir-rikonvenzjonata, u dan okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi sabiex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni;

7. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-atti opportuni u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

8. Tordna lir-rikonvenzjonata sabiex tħallas jew tikkonsenja lill-esponenti skont il-każ il-krediti u proprjeta` parafernali tiegħu, u fin-nuqqas tikkundannha thallas il-valur taghhom;

9. Tawtorizza lill-esponenti C B jibqa jirrisjedi fid-dar matrimonjali X X Apartments, Triq X, Naxxar, ad eskluzjoni tar-rikonvenzjonata.

10. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikonvenzjonata illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvezjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-partijiet isseparaw b'mod de facto meta l-intimat rikonvenzjonant kecca lil attrici rikonvenzjonata u lil bintha barra mid-dar matrimonjali u dan wara li qabad u biddel is-sellattura ta' gewwa d-dar matrimonjali u l-garaxx. Illi minkejja illi l-attrici rikonvenzjonata talbitu sabiex jghatiha kopja tac-cavetta halli hi u bintha jkunu jistghu jaccedu u joqghodu gewwa d-dar matrimonjali huwa ma riedx u fil-fatt bhalissa hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu fuq pretended rights. Illi ghalhekk ma hemmx qbil ma' l-ewwel punt tat-talba rikonvenzjonali fejn qieghed jigi allegat illi z-zwieg tkisser minhabba tort imputtabbli lil attrici rikonvenzjonata. Fil-fatt iz-zwieg tkisser purament minhabba l-agir u l-kundizzjoni tal-bipolar disorder ta' l-intimat rikonvenzjonanti.

2. Illi z-zwieg huma minnu li ma kien xejn felici izda dan mhux minhabba xi abbuz emozzjonali u fiziku ta' l-attrici rikonvenjonata izda huwa ta' l-agir u abbuz emozzjonali, verbali, fiziku u finanzjarju ta' l-intimat rikonvenzjonanti fuq il-persuna ta' l-attrici u ta' binthom, D. Illi biss biss l-konvenut rikonvenzjonanti kien jaqbad u jberbaq flus il-kommunjoni kif gie gie u kien jaqbad u jixtri kull haga li johlom biha u li l-partijiet ma kellhomx bzonn kif se jigi ppruvat fil-mertu tal-kawza. Illi kien jghamel hafna affarijiet riskjuzi u agir reckless fejn kien ukoll jwegga' lilu nnifsu, bhal darba minnhom tajjar parti minn subajgh. Illi kien ukoll l-istess intimat rikonvenzjonanti illi ipprova jaghmel suwicidju darbtejn – id-darbtejn li huma gewwa d-dar matrimonjali fejn id-darbtejn li li huma gie salvat – liema episodji koroh u trawmatici hallew impatt kbir fuq l-attrici rikonvenzjonata. Illi dawn l-ezempji mill hafna iktar ezempji li se jinghadu fil-mertu kollu oltre l-instabilita', t-tghajjir u l-biza in generali li kien jikkawza l-konvenut rikonvenzjonanti kien li wassal ghat-tifrik taz-zwieg.

3. Illi mhuwiex minnu illi l-attrici rikonvenzjonata hija ossessjonata bil-flus. Hija kellha preokkupazzjoni genwini fuq l-assi tal-kommunjoni u dana ghaliex il-konvenut rikonvenzjonanti jberbaq kull sold li kellhom, u kieku ma kienetx toqghod attenta l-attrici rikonvenzjonata kienu litteralment jispiccaw bi djun kbar (u dan eskluz xi djun li l-konvenut rikonvenzjonanti seta' ghamel ad insaputa taghha u li jkompli juri l-agir riskjuz tieghu). Illi l-attrici rikonvenzjonata ghalkemm kienet toqghod attenta fil-flus ma kienet tezercita' l-ebda awtorita' fuq il-konvenut rikonvenzjonanti. Fil-fatt il-konvenut rikonvenzjonanti kellu access anka ghal kontijiet taghha u dan kif se jigi ppruvat fil-mertu tal-kawza. Illi ghalhekk altru milli l-konvenut rikonvenzjonanti ma kellux liberta li jamministra l-paga tieghu jew il-liberta' li jamministra u/jew jonfoq flusu stess, izda kien jixtri kull ma jfettillu, bhal dghajsa, ghoddod u hafna affarijiet ohra. Illi interessanti ukoll jara l-ghazla tal-kliem fir-rikors rikonvenzjonali. Il-konvenut rikonvenzjonanti juza l-kliem "flusu stess". Illi dan juri ezatti l-modus operandi tal-konvenut rikonvenzjonanti fejn huwa kien jemmen li l-introjtu tieghu u tieghu biss u l-introjtu ta' l-attrici rikonvenzjonata huwa tieghu ukoll! Ghalih il-flus tal-kommunjoni kienu flusu, ghalhekk altru illi l-attrici rikonvenzjonata kienet ossessjonata bil-flus. Kien l-istess konvenut rikonvenzjonant illi kellu ossessjoni fuq il-flus liema ossessjoni mmanifestat ruhha f'infiq bla kontroll u sfrenat.

4. Illi mhux minnu illi l-attrici rikonvenzjonata kellha ossessjoni fuq il-kontroll ta' l-assi. Illi kien l-istess konvenut rikonvenzjonanti u l-familja tieghu illi kellhom ossessjoni illi l-attrici rikonvenzjonata ma jkollha l-ebda

"say" jew parti mill-assi tal-kommunjoni. Fil-fatt kien l-istess konvenut rikonvenzjonanti fuq parir tal-familja tieghu illi d-dar matrimonjali tinxtara parafernalment minnu wahdu u dan sabiex hi ma jkolliex parti. Illi hija ma riedetx hekk, izda minhabba illi hija kienet thobbu hija kellha taccetta kontra qalba.

5. Illi l-attrici rikonvenzjonata ma kienetx tiehu l-paga tal-konvenut rikonvenzjonanti u taghtih pocket money! Illi din hija gidba kif inhi gidba l-allegazzjoni illi kienet tghajjat mieghu jew terfa' idejh fuqu! Illi biss biss l-attrici rikonvenzjonata fiha biss kwart tieghu, allura ahseb u ara kif tista' qatt terfa idejha fuqu! Il-verita' hija li hu kien il-persuna vjolenti, u kienet biss l-imhabba li hi kellha lejh li zammet lilha mieghu. Fil-fatt hija dejjem kienet tipprova tghinu u tara kif il-kundizzjoni tieghu tigi kkontrollata. Izda hu li ma kienx ikun irrid u kien jirrifjuta din l-ghajnuna!

6. Illi l-konvenut rikonvenzjonanti qieghed jghid illi l-attrici rikonvenzjonata zammet ammont redikolu ta' ircevuti. L-unika rcevuti li hija zammet kienet biss ta' l-assi mobbiljari u xejn iktar. Illi hija prassi normali illi jinzammu tali rcevuti. Fil-fatt dan jkompli juri kemm il-konvenut rikonvenzjonanti m'ghandu xejn fuq xix jaqbad u qieghed jipprova kif jghidu bil-lingwa Ingliza, clutching at straws.

7. Illi mhux minnu illi l-konvenut rikonvenzjonanti kien jispicca minghajr flus ghax kull kont bankarju ikkontrollat mill-attrici rikonvenzjonata u ghalhekk kellu jitlob l-ghajnua tal-familjari jew ibiegh oggetti personali. Il-verita' hija li kif diga' inghad illi huwa kellu kontroll fuq il-kontijiet personali tieghu kif ukoll taghha u kien jaqbad u jitrasferixxi flus mill-kont taghha ghal fuq il-kont tieghu permezz ta' l-internet banking, jigifieri altru li kien ikkontrollat! Illi huwa kien jixtri hafna affarijiet bl-addocc, bhal kien xtara kocc qasab tas-sajd u imbaghad jigba' minnhom mill-ewwel u avolja jkunu ghadhom godda jaqbad u mhux ibieghhom izda jarmihom jew ibihom fuq maltapark bi ftit flus!!

8. Illi l-attrici rikonvenzjonata ma tuzax kliem dispreggjativi izda l-verita' hija verita' u anzi kienet hafna kawta fuq dak li gie mitkub. Jekk se nitkellmu bi kliem dispreggjattivi x'jinghad ghal kliem inveritier b'intiza li thammeg lil attrici rikonvenzjonata li ntqal kemm fir-risposta guramentata u kemm fir-rikors guramentat rikonvenzjonali?

9. Illi mhux minnu li kien hemm l-inezistenza ta' l-intimata' u ghalhekk ma tistax tifhem ghaliex inkiteb dan fir-rikors rikonvenzjonali ghajr biex ihammeg lill-attrici rikonvenzjonata.

10. Illi mhuwiex minnu illi hija persuna negattiva (persuna negattiva meta dejjem kellha l-isperanza li tghin lil konvenut rikonvenzjonanti bil-problemi tieghu?) u li kienet issofri minn post-natal depression. Huwa vera meskin l-

agir tal-konvenut rikonvenzjonanti fejn jipprova jghid li hija kienet tbati minn post-natal depression meta jaf bic-cert li dan mhuwiex minnu!

11. Illi sfortunatament fiz-zwieg huwa kien dejjem jghaddi minn cikli ta' uforja u ta' depressjoni sforz tal-bipolar disorder – jigifieri altru li kien issoffokat minnha!

12. Illi t-tnax il-paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali hija purament gidba u m'ghandha xejn x'izzid maghha hlief li hija gidba mill-bidu sa' l-ahhar u kif se jigi ppruvat fil-mertu tal-kawza.

13. Illi t-tlettax il-paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali jkompli juri kemm l-konvenut rikonvenzjonat huwa maqtugh mir-realta' u jahseb illi psikjatri m'humiex kapaci f'xogholhom u jistghu jigu milghaba! Illi dan jkompli jsahhah l-inkwiet u l-problemi li l-attrici rikonvenzjonata kienet tghaddi minnhom.

14. Illi l-unika verita' li ntqalet f'dan il-paragrafu huwa li pprova jnehhi hajjtu b'idejh darbtejn. Izda dan ma kienx sforz illi l-medicina ma kienetx qeghda tahdem jew minhabba l-allegati problemi ma' l-attrici rikonvenzjonata izda ghal fatt illi huwa ma riedx jaccetta l-kura!

15. Illi hija sorpriza illi qieghed jigi ddikjara illi l-konvenut rikonvenzjonanti fieq ghal zewgt ragunijiet – fl-ewwel lok, mill-kundizzjoni tal-bipolar disorder qatt ma tfiq. Il-bipolar disorder mhijiex bhal xi rih fejn tiehu l-medicina u jghaddilek. Il-bipolar disorder hija kundizzjoni kronika fejn fl-ahjar ipotezi tista' tigi kkontrollata. Jigifieri ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata hija ferm sorpriza b'din id-dikjarazzjoni laxka. It-tieni raguni hija ghal fatt li l-konvenut rikonvenzjonanti qieghed jipprova jallacca li l-kundizzjoni tieghu tal-bipolar disorder hija minhabba l-attrici rikonvenzjonata. Illi l-kundizzjoni tal-bipolar disorder hija marda mentali u ma tistax tigi kkagunata minn hadd – ghax dik il-marda tkun fik minn dejjem. Fil-fatt anka fl-gherusija l-attrici rikonvenzjonata kienet tinnota affarijiet strambi fl-imgieba tal-konvenut rikonvenzjonanti u li fiz-zwieg saret taf li dawn kienu rizultat tal-kundizzjoni tal-bipolar disorder. Ghax tajjeb li jinghad illi qabel ma zzewwgu hadd ma gharraf lill-attrici rikonvenzjonata illi l-konvenut rikonvenzjonanti ghandu l-bipolar disorder.

16. Illi l-attrici rikonvenzjonata jiddispjaciha hafna bit-ton u bil-lingwagg li qieghed juza l-konvenut rikonvenzjonanti f'dana r-rikors guramentat rikonvenzjonali specjalment fis-sittax-il paragrafru tar-rikors guramentat rikonvenzjonali. Illi huwa qieghed jghid illi l-attrici rikonvenzjonata ghajjret lil konvenut rikonvenzjonanti fir-rikors guramentat taghha bhala "mignun". Jekk wiehed jifli r-rikors guramentat taghha hija qatt ma ghajjritu "mignun", la fir-rikors guramentat u fl-ebda att iehor ta' dawna l-proceduri. Huwa att vera meskin li wiehed jipprova jigbed is-simpatija billi jigdeb fuq il-

kontroparti. Hija mhux talli qatt ma ghajjritu, izda toqghod hafna kawta u attenta kif tiddeskrivi l-kundizzjoni tieghu. Hija taf li l-kundizzjoni tal-bipolar disorder mhijiex haga li tghajjar. Anzi hija tixtieq illi l-kundizzjoni tieghu tigi kkontrollata halli kulhadd jista' jimxi l-quddiem b'hajjtu. Illi gie ukoll allegat illi hija qeghda zzommu l-boghod mill-minuri u qeghda tipprova tkisser ir-relazzjoni tieghu mal-minuri. Din hija gidba assoluta. Mhux talli ma tridx tkisser ir-relazzzjoni izda hija dejjem tinovlvih f'hajjet il-minuri billi tinvolvih u tinfurmah f'kollox u theggeg lil minuri sabiex tmur ghand missierha. Huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi ma jwegibx lill-attrici rikonvenzjonata fuq l-affarijiet bazici tat-tifla, jew ibiddel fehemtu u jhalli lill-attrici rikonvenzjonata lanqas taf fejn tkun qeghda mieghu. Huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi joqghod jghid kontra l-attrici rikonvenzjonata u kontra n-nanna materna mat-tifla minuri, tant li t-tifla minuri tigi d-dar mdejjqa hafna b'dan il-kliem. Fil-fatt l-attrici qeghda tinnonta illi minhabba dan l-imgieba tat-tifla minuri qeghda tinbidel hafna. Hija ghalxejn tghidlu ripetutivament biex ma joqghodx jghid kliem dispreggjattiv fuqha mat-tifla, izda mid-dehra dan jaqghu fuq widnejn torox. Il-pika illi huwa ghandu lejn l-attrici rikonvenzjonata qeghda taghmih milli jgharraf il-hsara li qeghda ssir fuq it-tifla minuri.

17. Illi dak li inghad fil-paragrafru precedenti b'referenza ghas-sittax-il paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali jghodd ghas-sbatax-il paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali. Illi din hija gidba mill-bidu sa l-ahhar u johrog bic-car it-ton ta' pika tal-konvenut rikonvenzjonanti bl-ghazla tal-kliem tieghu, bhal, "…b'vilta' liema bhala…" u "…terfa r-responsabbilita' ghat-tifrk taz-zwieg fuqha n-nifish…" u "…ivvintat stampa qarrieqa…" u "…mignun…". Illi diga' inghad illi l-attrici rikonvenzjonata ma kienetx vjolenti fil-paragrafi precedenti izda mid-dehera l-konvenut rikonvenzjonanti jahseb illi iktar ma ttambar l-inverita', l-inverita' xi darba se ssir verita'! Fil-fatt il-konvenut rikonvenzjonanti diga' instab hati kriminalment illi insulenta lil attrici rikonvenzjonata! L-attrici qatt ma nstabet hatja kriminalment illi ghajjret lil konvenut rikonvenzjonanti. Ghalhekk bil-mod il-mod il-verita' tiela fuq wicc l-ilma.

18. Illi qieghed jigi allegat fit-tmientax u dsatax-il paragrafu li l-attrici rikonvenzjonata tahseb hazin f'kulhadd. Izda dan mhux minnu. Il-verita' hi dik li hi. Il-familja tieghu specjalment huh, Dr E B ghamlu hafna indhil kemm fiz-zwieg u kemm wara z-zwieg. Fil-fatt tant indahhlu illi ukoll involvew lilhom infushom fi proceduri kriminali fejn hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghhom u dan kif se jigi deskritt iktar il-quddiem fil-mertu tal-kawza.

19. Illi huwa minnu illi l-attrici rikonvenzjonata u bintha gew imkeccija mid-dar matrimonjali ta' fuqhom senduqhom!! Illi hemm il-provi car li zgur ma jhallux lok ghal interprettazzjoni. Illi jekk il-konvenut rikonvenzjonanti biddel is-sellattura, liema fatt huwa ammetta, kif jista' jigi jghid taht gurament illi ma kecciehiex mid-dar?! Illi kieku ma gietx imkeccija ta' fuqha senduqa, l-attrici rikonvenzjonata ma kienx ikollha bzonn tirrikorri ghas-setgha tal-Qorti biex tiehu minn gewwa d-dar matrimonjali l-effetti personali taghha u ta' bintha bhal hwejjeg u guggarelli, liema wahda xorta ma nghatax lura fl-intier taghhom! Fil-fatt l-attrici rikonvenzjonata tibqa' dejjem mistghagba kif il-konvenut rikonvenzjonanti jibqa' jsostni storja fittizja meta l-provi u l-fatti juru mod iehor!

20. Illi l-wiehed u ghoxrin paragrafu u t-tieni u ghoxrin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali huma gidba mill-bidu sa' l-ahhar u tichad kategorikament bhala allegazzjonijiet infondata fil-fatt u fid-dritt l-istorja li giet penguta mill-konvenut rikonvenzjonanti.

21. Illi t-tielet u ghoxrin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali huwa ukoll gidba. Fil-fatt il-kontenut ta' dan il-paragrafu jikkontradixxi l-verbal fil-mandat ta' inibizzjoni (liema proceduri gew instigate mill-konvenut rikonvenzjonanti, izda dawna l-proceduri konvenjatament ma ssemmewx fir-rikors guramantat rikonvenzjonali) u mill-proceduri tar-rikors revoka fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fejn il-Qorti preseduti mill-Imhallef Lawrence Mintoff cahdet it-talbiet fir-rikors revoka tal-kovenut rikonvenzjonanti bl-ispejjez kontrih.

22. Illi l-erbgha u ghoxrin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali huwa ukoll gidba. Hija qatt u qatt ma qaltlu illi jrid ithiha somma biex jara lil bintu. Fil-fatt huwa qatt ma gie mcahhad milli jara l-bintu dejjem taht supervizjoni. Hu di piu' hija ma rcieviet l-ebda somma da parti tieghu. Frankament dan il-paragrafu qieghed jaqa' fl-assurdita'.

23. Illi minhabba l-fatt illi ezatt qabel ma ssepara pprova jnehhi hajjtu hija ghandha ferm ragun li bezghat illi l-konvenut rikonvenzjonanti jara l-bintu wahdu mhux supervizjonat. Illi l-kundizzjoni tieghu timmanifesta ruhha f'instabilita', recklessness, paranoja, uforja, u depressjoni fost hafna sintomi ohra. Hija tibza' ghal benessere taghha. Meta kienu mizzewwgin, il-minuri rari kienet tkun mal-missier wahedha. Jigifieri l-access b'supervizjoni mhux qieghed issir, kif taf tajjeb il-Qorti, ghax del resto gie ordnat mill-Qorti stess, biex iccahhad il-missier minn bintu, izda ghal protezzjoni ta' l-istess minuri.

24. Illi s-sitta u ghoxrin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali huwa gidba u dana ghaliex hija dejjem qaltlu li jista' jara l-bintu fil-prezenza taghha u fil-fatt kull darba li huwa accetta hija qatt ma cahhditu.

25. Illi r-rikors supervizjonat huwa sabiex jigi ssalvagwardjat il-benessere tal-minuri, u del resto dan mhuwiex supervizjonat mis-supervisors u s-social workers ta' l-Agenzjia Appogg izda mill-genituri tieghu stess. Jigifieri qieghed jghid illi mhuwiex ihossu komdu mal-genituri stess meta huwa ried jibqa' joqghod maghhom u fil-fatt id-dar matrimonjali hija bieb u ghadba mad-dar tal-genituri tieghu u ma' ta' huh Dr E B. Illi l-hin ta' l-access li ghandu huwa ampju u fil-fatt dan gie deciz mill-istess Qorti u mhux ta' ftit sieghat. In oltre huwa ghandu dritt jcempel lil bintu kuljum kif fil-fatt jghamel. Illi l-minuri taf b'xix ma tiehux gost? Bil-kliem dispreggjattiv kontra l-attrici rikonvenzjonali u n-nanna maternal li l-konvenut rikonvenzjonanti jghid lil minuri. In oltre l-konvenut rikonvenzjonanti l-hin kollu jasseddja l-minuri sabiex ikun jaf fejn qeghda l-attrici rikonvenzjonata, x'tkun qeghda taghmel l-attrici rikonvenzjonata, fejn tohrog l-attrici rikonvenzjonata ecetera. Illi dina l-interogazzjoni hija li ddejjaq il-minuri u altru l-fatt li jkun b'supervizjoni. Il-minuri trid tinzamm il-barra minn dawna l-proceduri u mhux tidhol qisha xi adulta! Dina ghandha biss sitt snin, izda l-konvenut rikonvenzjonanti qieghed juriha u jgharrafa b'kollox li jsir f'dana l-proceduri. Biss biss ghas-safra ta' Disneyland, l-konvenut rikonvenzjonanti beda jimla lil minuri illi l-attrici rikonvenzjonata mhux se thalli l-minuri ssiefer u l-attrici rikonvenzjonata kellha jkollha xoghol doppju sabiex tfiehem il-minuri li kienet tkun hafna perplessa b'dak li jghidilha missierha, li dan mhuwiex minnu u li hi sejra ssiefer f'Disneyland. Fil-fatt il-konvenut rikonvenzjonanti intavola rikors fejn qal li l-attrici mhux se thalli l-minuri ssiefer u dana gie nnotifikat lill-attrici rikonvenzjonanti wara li l-minuri kienet siefret u giet lura minn Disneyland minghajr problemi u fil-fatt kif gie muri fir-risposta ta' l-attrici rikonvenzjonata, l-allegazzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonanti kienu mhux biss infondanti fil-fatt izda kienu biss intizi biex ihammgu lil attrici rikonvenzjonata mal-Qorti.

26. Illi l-attrici rikonvenzjonata ma tistax tifhem xi jrid jghid il-konvenut rikonvenzjonanti fid-disgha u ghoxrin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali. Illi fl-ewwel lok hi m'ghandhiex fil-pussess taghha l-file mediku tal-konvenut rikonvenzjonanti. U fit-tieni lok l-unici notifiki li saru fil-post tax-xoghol tieghu saru ghax huwa ddifficli biex jigi nnotifikat u fil-fatt jkollha tohrog in-notifiki kemm il-darba. Dan huwa ppruvat ghax sahansitra kien hemm drabi li kellu jigi nnotifikat gewwa l-bini tal-Qorti stess daqs kemm huwa difficli biex jigi nnotifikat. U jekk se nitkellmu fuq umiljazzjoni, il-konvenut rikonvenzjonanti ukoll innotifika lill-attrici rikonvenzjonata fuq il-post tax-xoghol meta jaf illi ommha tkun id-dar u ghalhekk facli tigi nnotifikata. Hija nnotifikatu fuq il-post tax-xoghol ghax difficli biex jigi nnotifikat. Izda jekk huwa qieghed jinterpreta dan bhala umiljazzjoni, juri illi

huwa kellu l-intenzjoni illi jumilja lill-attrici rikonvenzjonata fuq il-post tax-xoghol meta jaf illi ommha tkun dejjem id-dar fejn tirrisjedi l-attrici rikonvenzjonata u ghalhekk ma hemmx problema ta' notifika.

27. Illi t-tletin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali huwa gidba mill-bidu sa' l-ahhar u dana hemm prova dokumentarja fuq dan li tista' tigi pprezentata fil-mertu tal-kawza. Fil-fatt ir-rikors ta' l-attrici rikonvenzjonata kien l-ahhar attentat sabiex tiehu lura hwejjigha! Dana m'ghamlitux mill-ewwel u ghamlitu wara diversi xhur titallab sabiex tiehu lura hwejjigha izda l-konvenut rikonvenzjonanti dejjem dahaq biha ghax beda jirrifjuta li jtiha hwejjigha. Fil-fatt lanqas manteniment ma ried ittiha u bdiet tinghata biss manteniment bis-sahha ta' dina l-Qorti u dana ukoll diversi xhur wara li giet imkeccija mid-dar u wara li qaghdet tistenna l-hniena tieghu, liema hniena qatt ma wasslet.

28. Illi l-medjazzjoni ma sehhitx mhux tort ta' l-attrici rikonvenzjonata. Izda ghax il-konvenut rikonvenzjonanti qatt ma wera spirtu bonarju. Huwa beda mill-bidu nett, qabel ma kien hemm l-ewwel seduta tal-medjazzjoni, b'sensiela ta' rapporti kriminali, sensiela ta' rikors, wiehed wara l-iehor fejn qatel kull attentat ta' separazzjoni bonarja. Kif tista' tisspera bonarjament meta huwa kecca lilha u lil bintha mid-dar? Kif tista' tisspera bonarjament meta huwa rrifjuta li jghatiha manteniment ghal binthom? Kif tista' tissepara bonarjament meta huwa rrifjuta li jghatiha hwejjigha personali taghha u ta' binthom? Kif tista' tissepara bonarjament meta kull tenttattiv li beda jsir da parti taghha gie mkisser minnu? Illi r-rikorsi li ghamel wiehed wara l-iehor il-konvenut rikonvenjonanti saru mhux ghax gie kostrett izda semplicement biex ikisser lill-attrici rikonvenzjonata finazjarjament, kif fil-fatt ghamel, ghax qeghda tirrikorri ghal ghajnuna tal-genituri taghha. Il-mezzi finanzjarji taghha mhux bhal tieghu u dan jafu u ghalhekk intavola dawna r-rikorsi kollha. Fil-fatt dawna r-rikorsi kollha huma semplicement abbuz tas-sistema legali.

29. Illi t-tnejn u tletin paragrafu tar-rikors guramentat rikonvenzjonali juri bic-car it-tajn li huwa qieghed iwaddab fil-konfront ta' l-attrici rikonvenzjonata. Hija ma tbatiex minn l-ebda personality disorder u dan jafu ben tajjeb. Fil-fatt hija m'ghandha l-ebda problema li jsiru l-assessments necessarji kif diga' sahhqet fir-risposta taghha u dan ghaliex m'ghandha l-ebda personality disorder.

30. Illi huwa interessanti illi minn erbgha u tletin paragrafi fir-rikors guramentat rikonvenzjonali, l-ahhar zewg paragrafi biss ittrattaw l-assi tal-kommunjoni u parafernali! Dan juri bic-car kemm il-konvenut rikonvenzjonanti huwa intiz sabiex jaghmel character assassination tal-karattru ta' l-attrici rikonvenzjonata.

31. Illi hemm qbil kif diga' inghad fir-rikors guramentat taghha illi l-assi tal-kommunjoni jigu likwidata, maqsuma u assenjati lil partijiet skont il-ligi. Izda l-attrici rikonvenzjonanti ma appropjat l-ebda flejjes ghaliha as eskluzzjoni tal-konvenut rikonvenzjonanti. U ta' dan hemm provi dokumentarji anka fl-atti ta' proceduri odjerni u diversi u li se jingibu bhala prova iktar il-quddiem fil-proceduri ta' dina l-kawza. Illi kif diga' inghad l-attrici rikonvenzjonata trid illi kull parti tiehu fil-pussess taghha kull oggett jew krediti parafernali li parti jista' jkollha u dan kif se jigi ppruvat fil-mertu ta' dina l-kawza.
32. Illi l-attrici rikonvenzjonata m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal l-ewwel talba u cioe' li jigi ddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti izda dina d-dikjarazzjoni ghandha tkun mhux ghar-ragunijiet imputtabbli lilha izda ghar-ragunijiet imputtabbli lil konvenut rikonvenzjonanti kif diga' gie ddikjarat u mitlub fl-ewwel talba fir-rikors guramentat taghha nru 131/18 AL.
33. Illi l-attrici rikonvenzjonata ma taqbilx mat-tieni talba tar-rikors guramentat rikonvenzjonali u dana ghar-ragunijiet li ngabu iktar il-quddiem f'dina r-risposta guramentata rikonvenzjonali kif ukoll fir-rikors guramentata ta' l-attrici rikonvenzjonata fl-ismijiet A B vs C B nru 131/18 AL. Illi ghalhekk t-tieni talba tar-rikors guramentat rikonvenzjonali ghandha tigi michuda in toto u l-kura u kustodja tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici rikonvenzjonata.
34. Illi l-minuri diga' qeghda tghix ma' l-attrici rikonvenzjonata f'ambjent stabbli u seren. Illi ghalhekk it-tielet talba ghandha tigi michuda fis-sens illi jigi ordnat illi l-minuri tkompli tibqa' tirrisjedi primarjament ma' l-attrici rikonvenzjonata mentri l-konvenut rikonvenzjonanti jkollu access skont l-ezigenzi tal-minuri u dan anke b'mod supervizjonat tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.
35. Illi rigward ir-raba talba l-attrici rikonvenzjonata m'ghandha l-ebda oggezzjoni dejjem jekk l-access jkun fl-ahjar interess tal-minuri u dana anke bil-fakluta ta' supervizjoni u jekk jinghataw is-sleepovers dawna ghandhom ikunu fl-ahjar interess tal-minuri u anka dawna bil-fakulta ta' supervizjoni wara li jigi accertat illi l-minuri tkun sigura mal-konvenut rikonvenzjonanti tenut kont tal-bipolar disorder.
36. Tichad il-hames talba in toto. Illi l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut rikonvenzjonanti biss.
37. Illi rigward is-sitt talba hemm qbil limitatament fuq it-talba illi l-kommunjoni ta' l-akkwisti tinqasam f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lil partijiet. Izda hemm oggezzjoni illi dina l-qasma ghandha tieghu in

konsiderazzjoni is-segwenti konsiderazzjoni maghmula fis-sitt talba: 1) il-konsiderazzjoni li l-konvenut rikonvenzjonanti ghandu xi krediti fuq il-kommunjoni fis-sens ghal l-allegazzjoni ta' flus zbankati jew mizmuma mill-attrici rikonvenzjonanti u krediti dotali. Referenza saret ghall-ammonti li gew zbankti mill-attrici rikonvenzjonanti. Illi dawna gew zbankati bi qbil mal-konvenut rikonvenzjonanti skont il-verbal fl-atti tal-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1530/17/1. Illi dawna gew zbankati ghal ghajxien taghha u tal-minuri u ghalhekk ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni fejn tidhol il-qasma. Referenza saret ghal allegazzjoni illi l-attrici rikonvenzjonata zammet xi ammonti ta' flus. Illi dan mhux minnu; u 2) il-konsiderazzjoni illi s-separazzjoni tigi ddikjarat tort ta' l-attrici rikonvenzjonata minn data li ghandha tigi sstabilita minn dina l-Qorti skont l-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili. Illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda artikolu 48(c) tal-Kodici Civili. Ghalhekk fuq dan il-punt biss it-talba ghandha tigi michuda. Izda minghajr pregudizzju ghal dina l-eccezzjoni, d-data li ghandhua tkun stabbilita m'ghandhiex tkun id-data meta l-attrici rikonvenzjonata tinstab hatja tat-tifrik taz-zwieg u dana ghaliex iz-zwieg tkisser purament minhabba ragunijiet imputabbli lil konvenut rikonvenzjonanti biss. Illi ghalhekk d-data li ghandha tigi sstabilita ghandha tkun dik fejn il-konvenut rikonvenzjonanti jinstab hati tat-tifrik taz-zwieg. Illi di piu' l-likwidazzjoni u d-divizjoni ghanda ssir wara li l-attrici rikonvenzjonata tiehu fil-pussess taghha l-krediti parafernali u dotali li hija ghandha kontra l-kommunjoni ta' l-akkwisti.

38. Hemm qbil mas-sebgha talba tar-rikors guramentat rikonvenzjonali.

39. Illi rigward it-tmien talba ma hemm l-ebda oggezzjoni dejjem jekk hija ghandha xi beni parafernali tal-konvenut rikonvenzjonanti ghax fil-fatt hija m'ghandha l-ebda beni parafernali tieghu ghax giet imkeccija mid-dar ta' fuqha senduqa u dawna dejjem jigu rritornati dejjem jekk il-konvenut jirritorna l-oggetti parafernali tal-attrici rikonvenzjonata fosthom deheb li kien mizmum gewwa s-safe gewwa d-dar matrimonjali liema dar matrimonjali m'ghandhiex access ghaliha.

40. Illi l-attrici rikonvenzjonanti topponi ghad-disa' talba u dana qieghed issir b'referenza ghat-tlettax it-talba fir-rikors guramentata taghha nru 131/18 AL fejn gie mitlub li hi u bintha jirrisjedu gewwa d-dar matrimonjali ghal kwalunkwe perijodu ad eskluzjoni tal-konvenut rinkonvenzjonanti u dan skont l-Artikolu 55A (1)(a) tal-Kodici Civili.

41. Illi rigward l-ghaxart talba din ma tistax tigi milqugha ghax fl-ewwel lok m'hemmx it-talba ghal hall taz-zwieg u ghalhekk tali hall ma jistax jigi rregistrat; u fit-tieni lok il-hall taz-zwieg jista' jigi ddikjarat wara erba' snin ta' separazzjoni de facto jew de jure liema snin ghadhom ma sehhewx fost kundizzjonijiet ohra misjuba fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

42. Illi l-attrici rikonvenzjonata qeghda topponi ghall-ispejjez ta' dawna l-proceduri u dana ghaliex dina l-procedura saret biss biex twegga lill-attrici rikonvenzjonata finanzjarjament. Illi t-talbiet misjuba f'dina l-procedura kienu gew itrattati kollha fir-rikors guramentat ta' l-attrici stess jew fir-risposta guramentata tal-konvenut stess. Illi fil-fatt skont l-Artikolu 45 il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tista tuza ai fini ta' l-Artikolu 52, kif ukoll fejn tidhol il-kustodja tal-minuri u dan skont l-Artikolu 56(3) tal-Kodici Civili jigifieri, iktar u iktar ma kellux lok il-konvenut rikonvenzjonanti milli jghamel dawna l-proceduri.

43. Illi fl-ahhar nett qeghda ssir referenza ghal mod kif in-notifika tar-rikors guramentat rikonvenzjonali saret – din ma saritx permezz tal-purtier izda bil-posta, meta hija l-linja illi rikors guramentat rikonvenzjonali jsir bil-purtier.

44. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez tal-proceduri kollha inkluz taz-zwegt medjazzjoni fl-ismijiet A B vs C B u C B vs A B u tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1530/17/1 u tal-madant ta' sekwestru fl-ismijiet A B vs C B kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li minn issa huwa msejjah in subizzjoni u in kontro-ezami.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut;

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Rat li l-partijiet waslu ghall-ftehim u effettivament il-Qorti awtorizzat u ffirmat abbozz ta' separazzjoni bejn il-partijiet li eventwalment ġie ppubblikat;

Il-Qorti rat in-nota ta' ċessjoni tal-attrici għat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors guramentat odjern taghha hlief ghall-ewwel talba li giet konvertita minn talba ghal separazzjoni personali ghal talba ta' divorzju.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-konvenut li permezz tagħha ceda l-kontro-talbiet kontra l-attrici, filwaqt li jzomm ferm it-talba ghad-divorzju, liema talba giet maqbula bejn il-partijiet fis-seduta mizmuma quddiem dina l-Qorti fis-26 ta' Jannar 2022.

Il-Qorti tilqa` din it-talba u tikkonverti l-ewwel talba ta' separazzjoni għal talba ta' divorzju;

Illi l-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors guramentat ħlief ghal din l-ewwel talba in vista tan-nota ta' cessjoni tat-talbiet tal-attrici tal-31 ta' Ottubru, 2024 u tan-nota ta' cessjoni tal-kontro-talbiet tal-konvenut tal-1 ta' Novembru 2024;

Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, wara li rat ukoll l-artikolu 66B tal-kap 16, rat illi l-attrici ssodisfat r-rekwiziti kollha rikjesti mill-liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ċertament sa' mill-24 ta' Mejju 2018;

Illi l-Qorti rat illi l-attrici ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u dana peress illi l-partijiet laħqu ftehim u ġie ppublikat kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel talba, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.